PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2011/2088(INI)**

14.7.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola
(2011/2088(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nadja Hirsch



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċih li fl-UE l-persentaġġ ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien huwa attwalment ta' 14.4% u li 17.4% minn dawn spiċċaw biss l-iskola primarja; jinnota li t-tnaqqis fit-tluq bikri mill-iskola kien il-mira tal-UE u tal-Istati Membri għal bosta snin imma ma sarx biżżejjed progress, hekk kif f'xi Stati Membri r-rati ta' tluq bikri mill-iskola huma ta' aktar minn 30%; jinnota d-diverġenza tremenda li hemm fil-persentaġġ ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien fid-diversi Stati Membri u d-diffikultà li jsir tqabbil f'dawk li huma fatturi kuntestwali relevanti – bħalma huma ċ-ċaqliq migratorju u l-livelli edukattivi fil-familja – bejn reġjuni differenti u bejn Stati Membri; jindika li dawn it-tfal fil-parti l-kbira tagħhom spiss għandhom sfondi ta' edukazzjoni baxxa jew sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati u aktar hemm subien milli bniet; jitlob għalhekk impenn akbar mill-Istati Membri u monitoraġġ aktar mill-qrib min-naħa tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-Istati Membri qegħdin joħolqu u jimplimentaw strateġiji biex inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola; iwissi li t-tnaqqis possibbli fl-infiq pubbliku fis-settur edukattiv minħabba l-kriżi ekonomika u l-politiki baġitarji ta' awsterità li qed ikunu implimentati fl-Istati Membri se jkollhom effetti avversi hekk kif se jżidu ulterjorment in-numru ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien fl-UE;

2. Jinnota li fost it-tfal Roma, 20% mhumiex miktubin fi skola u 30% minnhom jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien; jissottolinja li għalkemm it-tluq bikri mill-iskola huwa aktar komuni fost is-subien milli l-bniet, hemm sitwazzjoni speċjali fil-każ tal-komunitajiet tradizzjonali tar-Roma, fejn minħabba t-tradizzjoni ta' żwiġijiet f'età żgħira, il-waqfien mill-iskola ta' tfajliet żgħar huwa aktar frekwenti; dan it-tluq bikri mill-iskola ta' bniet żgħar Roma jseħħ f'età iżgħar (madwar 12 sa 13-il sena) meta mqabbla mas-subien (madwar 14 sa 15-il sena); fil-każ tal-komunitajiet tradizzjonali tar-Roma hemm bżonn ta' miżuri pożittivi supplimentari sabiex jingħeleb it-tluq bikri mill-iskola li jirriżulta minn dawn il-prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara;

3. Jindika wkoll li huwa vitali li jitnaqqas il-qgħad fl-UE billi jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ġodda tax-xogħol u jiġi inkoraġġit ir-reklutaġġ ta' demm ġdid li jieħu post il-qadim;

4. Huwa tal-fehma li t-tluq bikri mill-iskola jfisser telf ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ u telf ta' potenzjal soċjali u ekonomiku għall-UE kollha kemm hi; jenfasizza l-fatt li barra t-tibdil demografiku attwali, il-pajjiżi Ewropej ma jifilħux għal din il-ħela enormi ta' talent u jisħaq li dan għandu jkun ikkunsidrat fid-dawl tal-fatt li s-suq tax-xogħol u l-livell ta' kompetittività tal-Ewropa t-tnejn għandhom it-tendenza jippreferu persuni bi kwalifiki edukattivi ogħla; għaldaqstant titjib fil-kisba ta' riżultati fl-edukazzjoni se jgħin sabiex jintlaħaq l-għan hekk kif livelli ogħla ta' ħiliet joħolqu "tkabbir intelliġenti", u l-indirizzar ta' wieħed mill-fatturi ewlenin ta' riskju involuti fil-qgħad u l-faqar, se jwassal għal "tkabbir inklużiv";

5. Jinnota li tnaqqis għal mhux aktar minn 10% li jissodisfa l-mira prinċipali tal-UE 2020, ikollu effett fuq it-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żagħżagħ u fit-titjib fir-rata ta' impjiegi, peress

li attwalment 52% tal-istudenti li jieqfu mill-iskola huma bla xogħol u skont l-estimi akkademiċi, in-numru ta' impjiegi disponibbli għal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet jew li m'għandhomx sengħa se jkompli jonqos aktar fis-snin li ġejjin; jindika li t-tnaqqis fir-rata tat-tluq bikri mill-iskola b'1% biss, jista' jżid in-numru ta' ħaddiema potenzjali kwalifikati b'500 000;

6. Jenfasizza li investiment ta' aktar flus fil-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola jista' jkollu effett fit-tul li jipprevjeni liż-żgħażagħ milli jsiru dipendenti fuq is-sigurtà soċjali;

7. Jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola, mhux l-inqas minħabba t-tendenzi demografiċi fl-UE;

8. Jinnota li l-effetti ekonomiċi u soċjali fit-tul tat-tluq bikri mill-iskola jwasslu għal riskju sinifikanti tal-faqar u li l-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola hija mod kif tiġi ostakolata l-esklużjoni soċjali fost iż-żgħażagħ; għalhekk jikkunsidra t-tnaqqis fin-numru ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien bħala l-miżura ewlenija sabiex jintlaħaq l-għan, fi strateġiji kemm fuq livell nazzjonali u dak Ewropew, li mill-inqas 20 miljun persuna jintrefgħu mir-riskju ta' faqar, u jħeġġeġ lill-Istati Membri ma jnaqqsux il-limitu massimu ta' età għall-edukazzjoni obbligatorja;

9. Jistieden għalhekk lill-Istati Membri jfasslu politiki kemm jista' jkun malajr bil-ħsieb li jiġu stabbiliti impiegi ġodda bbażati fuq ħiliet ġodda;

10. Jenfasizza l-bżonn li s-sistemi tal-edukazzjoni jkunu adattati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol; jindika li f'sitwazzjoni fejn se jkun rari, fil-ġejjieni, li wieħed jgħaddi l-ħajja kollha tax-xogħol tiegħu f'settur wieħed, l-istudenti jeħtieġu jakkwistaw medda wiesgħa ta' abbiltajiet, bħalma huma l-kreattività, il-ħsieb kreattiv, il-ħiliet ġenerali u l-abbiltà li jadattaw malajr u b'mod flessibbli għal kundizzjonijiet u rekwiżiti li jinbidlu;

11. Jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament fi żmien sena u fuq il-bażi ta' indikaturi preċiżi, stħarriġ, stima u valutazzjoni tal-programmi ta' riforma nazzjonali, kif ukoll ir-riżultati tal-monitoraġġ ta' żviluppi f'livelli differenti tal-edukazzjoni fl-Istati Membri, li jispeċifikaw il-mezzi stabbiliti sabiex ikun indirizzat il-qgħad, bħalma huma l-apprendistat, il-programmi ta' xogħol u studju, il-konsulenza professjonali, eċċ, u li jinkludu projezzjonijiet għall-imjiegi skont is-settur u l-livell tal-ħiliet, u għandha tressaq ukoll b'mod regolari rapporti ta' progress; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tmexxi riċerka dwar l-influwenza tas-sistemi skolastiċi nazzjonali rispettivi fuq ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola; jitlob li ssir valutazzjoni bbażata fuq il-karatteristiċi nazzjonali, reġjonali u lokali speċifiċi tat-tluq bikri mill-iskola;

12. Jemmen li, filwaqt li jkun jirrispetta l-prinċipju tas-sussidarjetà, qafas Ewropew għal strateġiji komprensivi, li jindirizza t-tluq bikri mill-iskola, jista' jservi ta' gwida utli għall-Istati Membri fl-aċċertazzjoni tal-approċċ korrett għat-tisħiħ tal-politiki eżistenti u għall-iżvilupp tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom;

13. Jinnota li l-problema tat-tluq bikri mill-iskola jvarja minn pajjiż għal pajjiż u anki fir-reġjuni, u għalhekk m'hemmx soluzzjoni waħda adattata għal kulħadd;

14. Jenfasizza l-importanza, sabiex it-tluq bikri mill-iskola jkun ikkumbattut b'mod effettiv,

tal-iskambju tal-esperjenza u tal-aqwa prattika fuq livell nazzjonali u dak Ewropew; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tappoġġja l-istrateġiji tagħhom permezz tal-iskambju ta' esperjenza, ta' kompetenzi u ta' prattiki tajba; jappoġġja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li tissuġġerixxi qafas Ewropew komuni għall-politiki effikaċi u effiċjenti kontra t-tluq bikri mill-iskola, inkluża l-idea li l-Istati Membri għandhom jadottaw strateġiji nazzjonali komprensivi kontra t-tluq bikri mill-iskola sal-2012;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri janalizzaw fil-fond il-problema tat-tluq bikri mill-iskola, filwaqt li jqisu kif dovut il-protezzjoni tad-data, biex jidentifikaw il-kawżi ewlenin fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u sabiex jiżviluppaw pakketti ta' miżuri adegwati għall-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens, inklużi stabbilimenti speċjalizzati jew servizzi ta' appoġġ tal-iskejjel għal diżabilitajiet rikonoxxuti; jemmen li l-istrateġiji li jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola għandhom ikunu ibbażati fuq analiżi tad-dimensjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali speċifiċi tal-fenomenu u li din id-data għandha sservi biex ir-riċerka tkun iffokata fuq ir-raġunijiet li jispjegaw ir-rati eċċezzjonalment għolja ta' waqfien mill-iskola fost kategoriji partikulari ta' studenti u fir-reġjuni, il-lokalitajiet, u l-iskejjel l-aktar milquta;

16. Ifakkar li l-istrateġiji komprensivi li jikkumbattu t-tluq bikri mill-iskola għandhom jinkludu taħlita ta' politiki, il-koordinazzjoni bejn setturi ta' politika differenti u l-integrazzjoni ta' miżuri fil-politiki kollha li jikkonċernaw iż-żgħażagħ u t-tfal;

17. Jistieden lill-Istati Membri jorganizzaw programmi li jindirizzaw il-vizzji u l-patoloġiji soċjali u programmi ta' prevenzjoni biex jittrattaw il-korrelazzjoni bejn is-sitwazzjoni tal-familja u t-tluq bikri mill-iskola;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, assistiti mill-Kummissjoni, jaġixxu b'mod effettiv biex jirreġistraw il-fenomenu ta' barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) u jindirizzawh;

19. Favur li l-iskejjel ikollhom forom flessibli ta’ tagħlim immirati lejn il-ħtiġijiet tal-istudenti u jenfasizza li din l-isfida għandha tkun indirizzata b'mod partikulari mill-iskejjel primarji u fl-ewwel snin tal-iskola sekondarja permezz ta' intervent bikri, rabtiet aktar qawwija li għandhom jiġu kkultivati mal-iskejjel, u miżuri oħra; huwa tal-fehma li l-għalliema, il-psikologi edukattivi, l-operaturi soċjali edukattivi u l-partijiet interessati rilevanti kollha għandhom ikunu kkwalifikati għal dan il-għan u jibbenefikaw minn standard għoli ta' taħriġ tul il-karrieri tagħhom li jippermettilhom jorjentaw mill-ġdid il-prattiki tagħhom u għalhekk jindirizzawhom għar-rekwiżiti l-ġodda, u li jkunu involuti b'mod attiv fl-ippjanar, l-organizzazzjoni, it-twettiq u l-evalwazzjoni ta' strateġiji, sabiex jgħinu lill-persuni li huma f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola jew dawk li diġà waqfu; għalhekk jindika li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali għandhom jiskambjaw esperjenzi u prattiki ppruvati u ttestjati u jiżviluppaw mezzi effettivi ta' appoġġ għall-istudenti li jinsabu fil-periklu li jieqfu;

20. Jipproponi li tiġi estiża l-possibbiltà ta' apprendistati tal-kumpaniji fl-istess waqt li titkompla l-edukazzjoni skolastika;

21. Jemmen li fil-kuntest ta' tagħlim tul il-ħajja, ir-rwol tal-familja għandu jitqies vitali daqs

dak tal-għalliema;

22. Jistieden persuni minn barra l-iskola biex jistabbilixxu netwerks li jippermettu lill-iskejjel jgħinu lill-istudenti b'mod aktar effikaċi u jindirizzaw il-problemi li jpoġġu lit-tfal f'diffikultà;

23. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom itejbu aktar is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom, sabiex jilħqu aħjar il-bżonnijiet tal-individwu u tas-suq tax-xogħol, billi fost l-oħrajn jiġu indirizzati l-problemi tal-ħiliet bażiċi (il-litteriżmu u l-matematika bażika) jippromwovu l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ u l-miżuri li jissimplifikaw it-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol;

24. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipprovdu attivitajiet li jmorru lil hinn mill-kurrikulu u attivitajiet li jsiru barra mill-iskola għal studenti li għandhom diffikultajiet fit-tagħlim biex jiżviluppaw il-ħiliet ewlenin għall-fini tal-bżonn ċar ta' dawn il-ħiliet fis-suq tax-xogħol;

25. Jenfasizza li għandu jkun żgurat li d-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-politika għall-edukazzjoni jittieħdu fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali;

26. Jinnota li t-tfal kollha għandhom dinjità ugwali mill-aspett tat-tagħlim u għandhom id-dritt għal edukazzjoni bażika; jenfasizza għalhekk li għandu jittieħed kont tas-sitwazzjoni personali tal-istudenti, pereżempju s-sess, iċ-ċirkustanzi familjari, l-isfond ta' minoranza jew migrazzjoni, id-diżabilità u d-diffikultajiet tagħhom fit-tagħlim (pereżempju disleksja, disgrafija u dyscalculia) u li dawn l-istudenti għandhom jingħataw inkoraġġiment immirat u assistenza edukattiva adattata għall-bżonnijiet speċifiċi tagħhom mill-bidu sabiex ikunu evitati r-riproduzzjoni tal-esklużjoni soċjali u r-riskju tal-faqar billi jissaħħu l-opportunitajiet tagħhom biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li t-tfal mingħajr dokumenti ta' identità għandhom ikunu jistgħu jattendu l-iskola; jirrikonoxxi li r-riformi fl-oqsma tal-politika tal-integrazzjoni u fil-politika tal-edukazzjoni rispettivament ma jistgħux jitqiesu b'mod separat; jipproponi f'dan l-isfond, politiki ta' desegregazzjoni biex tinbidel il-forma soċjali tal-iskejjel 'żvantaġġati' u jappoġġaw forom ta' diskriminazzjoni pożittiva bħal żoni ta' edukazzjoni ta' prijorità u programmi li jipprovdu appoġġ immirat għall-iskejjel f'żoni żvantaġġati; jindika wkoll li, kif juru ħafna studji, l-istabbilimenti edukattivi li għandhom problemi ikbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-koeżistenza u l-integrazzjoni fost l-istudenti, għandhom ukoll rati akbar ta' waqfien u għalhekk jinsisti fuq il-bżonn ta' klima ta' inklużjoni fl-iskola; jinnota wkoll li politiki ineffikaċi li jikkonċernaw il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, iżidu l-każijiet ta' tluq bikri mill-iskola u l-falliment akkademiku b'mod ġenerali u li huwa neċessarju li jiġu intensifikati l-isforzi sabiex jittejbu l-politiki dwar il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol;

27. Jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-istudji tal-OECD ta' PISA li jistabbilixxu li l-istudenti fis-sistemi edukattivi li għandhom grad inqas tad-differenzazzjoni vertikali u orizzontali għandhom inqas possibbiltà li jirrepetu sena jew li jitkeċċew; jenfasizza s-sejba tal-OECD li huma l-istudenti li ġejjin minn kuntesti soċjalment żvantaġġati li jbatu l-aktar meta jkollhom jirrepetu sena skolastika jew meta jitkeċċew; jenfasizza s-sejba tal-OECD li l-għażla bikrija ta' studenti għal toroq edukattivi differenti żżid l-inugwaljanza soċjoekonomika f'termini ta' opportunitajiet edukattivi, mingħajr ma ttejjeb il-prestazzjoni medja fis-sistemi edukattivi kkonċernati;

28. Jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għas-sejba tal-OECD li l-prestazzjoni komparattiva tas-sistemi skolastiċi fl-istudji ta' PISA hija milquta ħażin mill-prattiki ta' studenti li jiċċaqalqu minn skola għal oħra minħabba riżultati ħżiena, problemi ta' mġiba jew diffikultajiet speċifiċi fit-tagħlim u ta' studenti mqassma fuq il-bażi tal-abbiltà fis-suġġetti kollha;

29. Jindika f'dan ir-rigward li, skont l-OECD, studenti li huma żvantaġġati soċjoekonomikament spiss għandhom żvantaġġ doppju minħabba li huma jattendu skejjel milquta minn tipi varji ta' żvantaġġi soċjoekonomiċi, fejn hemm inqas għalliema u li huma wkoll inqas kwalifikati;

30. Jinnota li t-tluq bikri mill-iskola huwa aktar spiss mas-subien u li aħna ninsabu f'riskju li noħolqu klassi iktar baxxa ta' rġiel żgħażagħ qiegħda bi ftit jew xejn edukazzjoni u b'opportunitajiet limitati li jsiru parti mis-suq tax-xogħol u mis-soċjetà b'mod ġenerali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali lis-subien li għandhom diffikultajiet biex jadattaw ruħhom għall-ambjent skolastiku u jiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jnaqqsu l-età għall-edukazzjoni obbligatorja;

31. Jenfasizza li l-ogħla rati ta' riintegrazzjoni huma miksuba minn programmi li jindirizzaw il-bżonnijiet individwali ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien; jistieden lill-istituzzjonijiet jirrispettaw il-bżonnijiet u d-drittijiet tal-individwi fl-iżvilupp ta' programmi għalihom;

32. Jenfasizza l-bżonn li jkun kkunsidrat il-fatt li hemm aktar subien minn bniet li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, u li għalhekk għandhom jittieħdu aktar miżuri għas-subien f'dan ir-rigward, sabiex jitjiebu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol;

33. Iħeġġeġ sabiex id-dħul fil-ħajja tax-xogħol għall-persuni li jkunu waqfu mill-iskola qabel iż-żmien tkun iffaċilitata permezz ta' pariri speċjali individwali għall-karrieri u li jkollhom il-possibbiltà permezz ta' miżuri adattati għall-ħtiġijiet tagħhom jakkwistaw ħiliet marbutin max-xogħol u kwalifiki, kif ukoll jiżviluppaw kompetenzi soċjali aktar tard sabiex itejbu l-possibbiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u arranġamenti ta' ekwivalenza tal-korsijiet; jenfasizza li l-istudenti minn familji li m'għandhomx dokumenti għandu jkollhom id-dritt li jattendu l-iskola;

34. Jenfasizza l-bżonn li jkunu organizzati attivitajiet fuq livell lokali li jinkoraġġixxu lin-nies jirritornaw l-iskola u li jippromwovu ambjent pożittiv għal nies li waqfu mill-iskola qabel iż-żmien u li biħsiebhom jirritornaw,

35. Filwaqt li għandu jitqies il-fatt li l-impjiegi qosra jew inċerti huma ogħla fost persuni li għandhom ftit edukazzjoni, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-isforzi li jippermettu lill-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien biex jirritornaw fis-suq tax-xogħol jaħdmu b'mod invarjabbli id f'id mal-programmi ta' taħriġ addizzjonali biex itejbu l-prospettivi futuri tagħhom ta' impjieg;

36. Jindika li l-investiment fit-taħriġ mill-ġdid u fil-modernizzazzjoni ta' korsijiet tat-taħriġ vokazzjonali huwa essenzjali sabiex jgħin lill-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol;

37. Jenfasizza l-bżonn li l-membri tal-komunità edukattiva, f'kollaborazzjoni mal-ġenituri tal-istudenti u l-ispeċjalisti akkademiċi, jieħdu azzjoni u jniedu inizjattivi bil-ħsieb li jnaqqsu drastikament l-intimidazzjoni, il-vjolenza u r-razziżmu bbażat fuq ir-razza u fuq il-kuntest soċjali fl-iskola, li jwasslu għall-emarġinazzjoni tal-istudenti, bir-riżultat li jinħolqu kundizzjonijiet għal tluq bikri mill-iskola;

38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jxerrdu l-istituzzjoni ta' skejjel riparatorji, billi jsaħħu l-kontenut tal-kurrikuli tagħhom u l-materjal u t-tagħmir tekniku, u billi jsaħħu l-ħila tal-għalliema disponibbli, ladarba dawn l-iskejjel qed jidhru bħala strumenti importanti għar-riintegrazzjoni tal-persuni li weħlu mis-sistema edukattiva formali;

39. Jenfasizza l-bżonn li jkunu mtejba l-ħilietipprovduti fit-taħriġ vokazzjonali tekniku u biex l-ispeċjalizzazzjonijiet offruti jitqabblu b'mod aktar effettiv mar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol, peress li r-rabta bejn l-edukazzjoni u x-xogħol hija parti integrali tal-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola;

40. Jinnota li politika effettiva li tindirizza l-fenomenu tat-tluq bikri mill-iskola għandha tinkludi l-livelli kollha tal-edukazzjoni, tkun segwita u mfassla fuq il-bażi tal-kriterji lokali, reġjonali, soċjali u individwali fi tliet oqsma, li huma l-prevenzjoni, l-intervent u l-kumpens;

41. Fil-kuntest tal-Baġit 2012 tal-UE, jappoġġja l-Proġett Pilota dwar iż-Żgħażagħ li ġie propost, li huwa intiż biex jagħti garanzija li jintegra fis-suq tax-xogħol liż-żgħażagħ u b'mod partikulari lil persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien;

42. Jenfasizza l-bżonn li jkun analizzat il-fenomenu tar-repetizzjoni ta' sena skolastika u l-impatt tiegħu fuq it-tluq bikri mill-iskola, filwaqt li tkun enfasizzata l-importanza ta' programmi individwali għal studenti individwali;

43. Jikkunsidra li, biex jikkumbattu t-tluq bikri mill-iskola, il-politiki edukattivi jridu jkunu marbuta ma' politiki mmirati li jippromwovu l-irkupru ekonomiku u għalhekk li joħolqu impjiegi permanenti u jevitaw kull waqfien qabel iż-żmien mill-edukazzjoni, impjieg ta' ftit żmien jew inċert, u l-aċċelerazzjoni tal-eżodu ta' mħuħ;

44. Favur l-użu mmirat, effiċjenti u koerenti tal-Fondi Strutturali, speċjalment il-Fond Soċjali Ewropew, għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġiji għaż-żgħażagħ, b'mod partikulari għal dawk li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali taħt programmi speċifiċi f'kull Stat Membru, sabiex tkun żgurata edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd u jkun evitat it-tluq bikri mill-iskola u l-iskartar;

45. Jirrakkomanda li t-taħriġ fl-NITC (teknoloġiji ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni), kif ukoll fit-teknoloġiji tal-lingwi, għandu jibda sa minn età bikrija, ladarba dawn huma mezzi partikolarment utli ta' komunikazzjoni li ż-żgħażagħ għandhom l-abbiltà li jaħfnu malajr;

46. Jenfasizza li persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien għandhom jingħataw aċċess għall-fondi mill-UE u għall-programmi ta' mobilità minkejja l-istatus tagħhom "barra mill-edukazzjoni formali"; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw jekk dawn il-programmi humiex qed jittieħdu wkoll minn persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-

żmien u mill-organizzazzjonijiet li jaħdmu magħhom;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.7.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 46<br>–: 3<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Edit Bauer, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Cofferati, Marije Cornelissen, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Őry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Jürgen Creutzmann, Kinga Göncz, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner, Emilie Turunen, Peter van Dalen, Cecilia Wikström |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ashley Fox, Marit Paulsen |